*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 13,893, 6 ta' Ottubru, 1981*
***Taqsima B***

**A.L. 105 ta' l-1981**

# ORDINANZA TA' L-1959 DWAR SELF LOKALI ('STOCK' U TITOLI REĠISTRATI)

## BDIL TA' 'STOCK'

### Direttiva mill-Ministru tal-Finanzi, Dwana u Investimenti Finanzjarji tal-Poplu għall-Bdil ta' £M1,670,000 6% *Stock* Lokali Reġistrat għall-Iżvilupp 1974-81

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 31 (a) ta' l-Ordinanza ta' l-1959 dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati) il-Ministru tal-Finanzi, Dwana u Investimenti Finanzjarji tal-Poplu iddikjara li £M1,670, 000 6% *Stock* Lokali Reġistrat għall-Iżvilupp 1974-81 li għandu jitħallas lura fit-28 ta' Novembru, 1981. lista' jinbidel fi *stock* reġistrat li joħroġ skond id-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza.

Skond l-artikoli 31 (b) u 32 ta' l-imsemmija Ordinanza l-Ministru awtorizza wkoll li, għall-bdil ta' £M1,670,000 6% *Stock* Lokali Reġistrat għall-Iżvilupp 1974-81 għandu jiġi maħluq u maħruġ *Stock* Lokali Reġistrat (Bdil) għall-Iżvilupp 1988 bis-6¼% kif ġej:

Mod tal-ħruġ ta' l-istock.

**1.** (a) L-*istock* jiġi maħruġ bil-prezz ta' £M100 fil-mija u jingħata fuq applikazzjoni. Meta jitħallas għal kollox l-*istock* jiġi reġistrat. Applikazzjonijiet għall-għoti ta' l-*istock* għal dawk li diġà għandhom 6% *Stock* Lokali Reġistrat għall-Iżvilupp 1974-81 jiftħu fid-9 ta' fil-għodu it-Tnejn, it-12 ta' Ottubru, 1981, u jagħlqu fl-erba' ta' wara nofs in-nhar il-Ġimgħa, 23 ta' Ottubru, 1981.

(b) Applikazzjonijiet mingħand il-pubbliku ġenerali għall-bilanċ li jibqa' mhux mittieħed mill-iStock Lokali Reġistrat (Bdil) għall-Iżvilupp 1988 bis-6¼% jintlaqgħu t-Teżor, bejn id-9 ta' fil-għodu tat-Tnejn, is-16 ta' Novembru, 1981, u l-erba' ta' wara nofs in-nhar tal-Ġimgħa, l-20 ta' Novembru, 1981, jew qabel jekk l-*istock* jittieħed kollu, fid-diskrezzjoni ta' l-*Accountant General*.

Somma ta' flus li għandha tingħabar.

**2.** Is-somma ta' flus li għandha tingabar bl-*istock* tkun ta' £M1,670,000.

Rata ta' mgħax u dati tal-ħlas.

**3.** L-imgħax għandu jitħallas b'lura kull sitt xhur fit-28 ta' Mejju, u fit-28 ta' Novembru ta' kull sena matul l-kors ta' l-*istock*. L-ewwel ħlas ta' £M3.12,5 kull £M100 *stock* relattivament għall-perijodu bejn it-28 ta' Novembru, 1981 u s-27 ta' Mejju, 1982, għandu jsir fit-28 ta' Mejju, 1982.

Rata ta' kontribuzzjoni għall-fond ta' ammortizzament.

**4.** Approprjazzjoni kull sitt xhur ta' mhux anqas minn £M8,350 mid-dħul ġenerali u mill-attiv tal-Gvern ta' Malta għandha ssir bħala kontribuzzjoni għall-fond ta' ammortizzament sabiex jifdi l-*istock*. L-ewwel kontribuzzjoni għandha ssir fi żmien sena mit-28 ta' Novembru, 1981.

Fidwa ta' stock.

**5.** *L-istock* għandu jiġi mifdi b'parità f'dik id-data bejn l-1 ta' Jannar, 1988 u l-31 ta' Diċembru, 1988 (iż-żewġ dati magħdudin), kif jiġi stabbilit mill-*Accountant General* u avżat fil-Gazzetta. L-*istock* jiġi mifdi biss mal-konsenja taċ-ċertifikat ta' l-*istock* maħruġ.